MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 2564/1998/1

**Perit Lawrence Mintoff u b'Nota tal-11 ta' Gunju 2010**
**Michelle Mintoff, il-Perit Christopher Mintoff u Stephanie Mintoff**
**assumew l-atti tal-kawza minflok il-Perit Lawrence Mintoff li miet**
**fil-mori tal-appell, u dana bhala eredi tal-istess Perit Lawrence Mintoff**

**v.**

**Dr. Roger de Giorgio u Roderick Agius**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Dicembru 1998, li taqra hekk:
"Peress illi l-konvenuti Dr. Roger Degiorgio bhala editur u Roderick Agius bhala gurnalist ta' l-istazzjoni tal-televizjoni NET Television, fit-tlettax (13) ta' Novembru 1998, waqt il-bullettini ta' l-ahbarijiet, xandru bi prominenza raport moqri mill-konvenut Roderick Agius li permezz tieghu l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti billi bil-kontenut, u l-mod kif gie prezentat l-istess rapport attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

"Peress illi bil-mod kif gie prezentat ir-rapport gie allegat u implikat b'mod car li l-istanti inghata l-kuntratt tad-disinn ta' l-isptar il-gdid ta' Tal-Qroqq mill-gvern Laburista, b'zewg miljuni oghla mill-irhas offerta minhabba li hu kandidat Laburista. Biex isahhu dan il-messagg, il-konvenuti gabu filmati ta' l-istanti diehel fic-Centru Nazzjonali tal-Partit Labursita;

"Peress illi din l-allegazjoni jew implikazzjoni hija inveritiera u kienet intiza biex taghmel hsara lill-istanti, kemm fil-hajja pubblika u aktar fl-attivita' professjonali tieghu;

"Peress illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt gha-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

"Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:

"1. tiddikjara u tiddeciedi illi bir-rapport imxandar fit-tlettax (13) ta' Novembru 1998, waqt il-bullettini ta' l-ahbarijiet ta' Net Television, kif fuq inghad, l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

"2. tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u

riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bix-xandira kif fuq inghad;

“Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti ghas-subizzjoni;”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:
“1. illi ma hemm xejn libelluz fix-xandira in kwestjoni billi dan jikkontjeni fatti veri u kummenti li jammontaw ghall- “fair comment”;

“2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Novembru, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza:
“… … … billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi bir-rapport in kwestjoni, imxandar fit-tlettax (13) ta’ Novembru 1998, waqt il-bullettini ta’ l-ahbarijiet ta’ Net Television, il-konvenuti taw malafama lill-attur bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta’ sitt mitt liri maltin (Lm600) liema soma qed tigi determinata bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja morali u malafama li sofra l-attur u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

“Spejjez kollha kontra l-konvenuti.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Din il-kawza qed issir mill-Perit Lawrence Mintoff kontra l-Avukat Dr. Roger Degiorgio u kontra Roderick Agius, rispettivament editur u gurnalist tal-istazzjon televiziv Net Television;

“Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghal rapport, li skond l-istess attur ixxandar bi promminenza fit-13 ta’ Novembru 1998 fil-bullettini ta’ l-ahbarijiet tal-isemmi

stazjon televiziv u liema rapport gie moqri mill-konvenut Roderick Agius. L-attur isotni li bl-imsemmi rapport huwa gie malfamat u gew attribwiti lilu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku. L-attur jippremetti ukoll li r-rapport in kwestjoni jghamel allegazzjonijiet u jimplika b'mod car li l-istess attur inghata l-kuntratt tad-disinn ta' l-isptar il-gdid f'Tal-Qroqq mill-gvern Laburista, b'zewg miljuni oghla mill-irhas offerta, minhabba li hu kandidat Laburista. L-attur ikompli jippremetti li sabiex isahhu dan il-messagg, il-konvenuti gabu filmati tieghu diehel fic-Centru Nazzjonali tal-Partit Labursita. Skond l-attur din l-allegazjoni jew implikazzjoni hija inveritiera u kienet intiza biex taghmillu hsara kemm fil-hajja pubblika u aktar fl-attivita' professjonali tieghu. Minhabba dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li bl-imsemmi rapport il-konvenuti tawh malafama bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu u qed jitlob ukoll li l-istess konvenuti jigu kundannati ihallsu dik is-somma li tiddetermina l-Qorti bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li huwa sofra bl-istess xandira;

"Da parti taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li ma hemm xejn libelluz fix-xandira in kwestjoni billi din tikkontjeni fatti veri u kummenti li jammontaw ghall-"fair comment";

"L-attur, meta xehed f'dawn il-proceduri, kkonferma li hu, flimkien mal-Perit Edgar Rossignaud, jirraprezenta ditta Ingliza ta' periti u li din id-ditta kienet rebhet it-tender ghar-rigward ta' pjanti u disinni godda tal-Isptar il-gdid f'Tal-Qroqq. L-attur jghid li l-ghazla saret minn kumitat li hu ddefinih bhala bord tekniku. L-attur kompla jikkonferma li kien hemm offerta orhos b'zewg (2) miljuni minn dik li eventwalment rebhet it-tender. Huwa jghid, pero', li t-tender gie aggudikat ukoll fuq l-esperjenza, kemm internazzjonali kif ukoll f'Malta, li kellha l-imsemmija ditta Ingliza. L-attur jghati rendikont tax-xoghol li sar minnu u mid-ditta barranija ta' periti wara li gie aggudikat it-tender. Huwa jghati ukoll rendikont ta' kif gie terminat il-kuntratt relattiv wara li tbiddel il-Gvern. Huwa jghid li ir-rapport in kwestjoni kien parti f'kampanja tal-media tal-Partit Nazzjonalista fis-sens li meta nghata dan il-kuntratt kien

hemm konsiderazzjonijiet ohra, mhux biss dawk teknici. Huwa jaccetta li fir-rapport in kwestjoni kien hemm intervista mieghu pero' jghid li din l-intervista damet biss ftit sekondi u skond hu giet litteralment imbiccra. Fil-filmat l-attur gie muri flimkien mal-Prim Ministru precedenti, Dr. Alfred Sant, u gie muri diehel fil-kwartieri generali tal-Partit Laburista. Fl-istess filmat inghad ukoll li l-attur kien kandidat laburista. Ghalhekk, skond l-attur, l-insinwazzjoni kienet illi l-kuntratt inghata lilu jew ahjar lid-ditta minnu rappresentata appuntu minhabba dan il-fatt, cioe' minhabba li hu kien kandidat Laburista. Huwa jghid ukoll li partijiet mill-filmat in kwestjoni kienu bis-“slow motion” u dana, skond l-attur, sabiex tinghata aktar drammacita' lil dak li kien qed jinghad;

“In effett l-attur stess jammetti li l-kontenut tal-filmat in kwestjoni u l-iscript relattiv ma fihom xejn li mhux minnu jew li hu mbghabas jew manipulat. Essenzjalment l-attur stess jammetti li hu kien kandidat laburista u li l-kuntratt kien inghata mill-Gvern laburista lid-ditta estera rappresentata mil-attur li kienet ghamlet offerta oghla b’zewg miljuni mill-orhos offerta. L-attur joggezzjona ghall-fatt li r-rapport jghamel insinwazzjonijiet li l-kuntratt inghata kif inghata ghaliex l-attur kien kandidat laburista;

“Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u wara li l-Qorti rat il-filmat tar-rapport in kwestjoni u li gie mxandar mill-konvenuti, jirrizulta li in effett fl-istess rapport saret l-allegazzjoni li qed jilmenta dwarha l-attur. Il-mod kif gie presentat il-filmat u xi uhud mix-xeni li jidhru fl-istess filmat jimplikaw li l-kuntratt in kwestjoni nghata lill minn nghata minhabba l-konnessjonijiet li kien hemm bejn l-attur u l-partit laburista li kien fil-Gvern meta gie aggudikat l-istess kuntratt;

“F’dan l-istadju jinghad li f’kawzi bhal dik presenti, cioe’ kawzi li huma komunement mgharufa bhala “libelli”, ghandu jinzamm bilanc bejn id-dritt, f’socjeta’ demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta’ kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta’ socjeta demokratika. Dan il-kuncett gie

diversi drabi ribadit mill-Qrati tghana. (Ara “Vincent Borg vs Victor Camilleri” – Qorti ta-Appell Civili – 15 ta’ Novembru 1994). Kullhadd ghandu jkollu ll-liberta’ li jghid dak li jhoss li ghandu jghid, pero’ tali liberta’ ma ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta’ cittadini ohrajn l-aktr jekk jigu attribwiti fatti li mhux veri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta’ tal-espressjoni taqbez il-konfini ta’ dak li hu ragjonevoli u minnfok isir ksur tad-drittijiet ta’ haddiehor appuntu fejn - espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Ara “Onor Charles Buhagiar vs Ray Bugeja” – Prim’Awla – 19 ta’ Jannar 1996);

“Fil-kaz in esami trid ukoll issir distinzjoni bejn “allegazzjoni ta fatt” u “kumment”. Meta d-difiza li ssir tirreferi ghal verita’ tal-fatti, il-fatt ghandu jigi pruvat. Meta ssir difiza dwar kumment gust ghandha ssir prova li dak il-kumment hu appuntu gust u mghamul in bona fede. Hu zgur li tali kumment ma jista qatt ikun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri. Hawnhekk ir-rapport hu bbazat fuq fatti li essenzjalment huma veri, pero’, fir-rapport, b’mod indirett, saret allegazzjoni li l-kuntratt gie akkordat fuq il-konsiderazzjoni li l-attur kien kandidat laburista u ghalhekk ghaliex huwa kien qrib l-istess Partit Laburista. Tali allegazzjoni ma gietx ipprovata u ghalhekk ma jirrizultax li l-istess allegazzjoni saret b’mod gust jew giet mghamula in bona fede;

“In vista ta’ dan kollu jirrizulta sufficjentement li r-rapport in kwestjoni hu libelluz fil-konfront tal-attur. Jigi ribadit li l-allegazzjoni in kwestjoni ma tistax titqies bhala kumment gust u mghamul in bona fede. Minhabba f’hekk lanqas ma jista jinghad li r-rapport in kwstjoni hu espressjoni ta’ opinjoni jew li jikkonsistu f’rapportagg gurnalistiku dwar kwestjonijiet ta’ interess pibbliku u li huma accettabli f’socjeta demokratika .Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ma jistghu qatt jigu akkolti;

“Mill-banda l-ohra jirrizulta sufficjentement pruvat li r-rapport in kwestjoni hu libelluz u malfamanti fil-konfront tal-attur u ghalhekk it-talbiet kollha tal-attur ghandhom jigu akkolti;

“In vista ta’ dak kollu li gie premess, in vista tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz u tar-rizultanzi u in vista tal-fatt li li l-allegazzjoni saret b’mod indirett ghalkhemm jidher li kienet tiftiehem kif jikkonferma l-istess attur u x-xhud minnu prodott, tenut kont ukoll li jidher li l-attur kien iktar urtat mil-mod kif gie terminat il-kuntratt meta tbiddel il-Gvern milli mill-kontenut tar-rapport in kwestjoni, l-ammont tad-danni li ghandu jigi likwidat hu fis-somma ta’ sitt mitt liri maltin (Lm600);

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta’ Novembru, 2007 fl-ismijiet premessi billi tichad t-talbiet attrici – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premess, talab li t-talbiet tal-konvenuti appellanti jigu respinti fis-sens li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza l-attur hassu malafamat b’rapportagg li xxandar fuq l-istazzjon televiziv NET Television wara li hu kien inghata *tender* ghar-rigward ta’ pjanti u disinni godda tal-Isptar il-gdid f’Tal-Qroqq.  Fil-fehma tal-attur, dan ir-rapportagg, ghalkemm ghandu kontenut korrett, jinsinwa li hu nghata t-*tender* minhabba l-konnessjonijiet politici li kellu mal-gvern ta’ dak iz-zmien, u mhux minhabba l-kwalitajiet teknici tal-offerta li huwa ressaq.

L-ewwel Qorti accettat it-tezi attrici wara li qieset li fir-rapport, “b’mod indirett”, saret allegazzjoni li l-kuntratt gie moghti lilu fuq il-konsiderazzjoni li l-attur kien qrib il-Partit Laburista li kien fil-gvern fiz-zmien l-ghoti tal-kuntratt.

Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u ressqu tlett aggravj, fis-sens
(a) Illi pubblikazzjoni ta' fatti veri ma tistax tkun libelluza;
(b) Illi kummenti fuq fatti veri ma jistghux ikunu libelluzi; u
(c) Illi l-konkluzjonijiet u decizjoni tal-ewwel Qorti jwasslu ghal negazzjoni tad-dritt fondamentali ta' *freedom of expression.*

Illi mir-rapportagg kif imxandar fuq l-istazzjon NET Telvision, johrog li l-fatti kienu s-segwenti:
*(a) Illi l-Gvern kellu jaghmel decizjoni dwar jekk ikomplix jibni l-Isptar Mater Dei fuq estenzjoni tad-disinn originali ta' Skanska jew inkella johrog sejha ghal offerta pubblika gdida.*
*(b) Illi, skont dak li qal l-attur lil Net TV, il-kuntratt ta' disinn moghti lill-kumpanija Ingliza Norman & Dawborn kien gie tterminat u din id-ditta kienet qed tiehu pariri legali biex tara l-pozizzjoni legali taghha.*
*(c) Illi l-attur mistoqsi x'ammonti thallsu lill-kumpanija Norman & Dawborn, ma riedx jizvela l-ammont.*
*(d) Illi l-attur tramite l-kumpanija tieghu Building & Design Consultants Limited kien ghamel joint venture mad-ditta estera u kienet qed tirrapprezenta l-kumpanija estera f'Malta.*
*(e) Illi l-attur kien (dak iz-zmien) kandidat Laburista; u*
*(f) Il-Gvern Laburista kien ta l-kuntratt lil dan il-konsorzju (l-attur u d-ditta estera) zewg miljuni ghola mill-irhas offerta.*

Dawn il-fatti gew ippruvati, u fil-fatt l-attur stess jammetti li l-iscript relattiv ma fih xejn li mhux minnu.  Hu, fil-fatt, jallega li hassu ingurjat peress li fil-filmat li intwera hu gie muri fil-kumpanija ta' Dr. Alfred Sant allura Kap tal-Partit Laburista u Prim Ministru, u diehel fil-kwartieri generali tal-istess Partit b'mod li gie insinwat li hu nghata l-kuntratt ghax kien immilita fil-Partit Laburista.

Din il-Qorti tara li kif gie ripetutament meqjus anke mill-Qrati taghna, fil-kamp politiku, minhabba l-interess

generali, hu lecitu ghall-istampa li tesponi ghall-pubbliku fatti li fihom ikunu involuti persuni politici. Dawn, mill-fatt biss li jinvolvu ruhhom fil-politika, jesponu ruhhom mhux biss ghall-kritika tal-*media*, izda wkoll ghal assunzjonijiet li ghalkemm jistghu jkunu mhux veri, dak li jkun jista' ragjonevolment jasal ghalihom. Sakemm il-fatti jkunu veri, il-*media* tista' tasal ghall-konkluzjonijiet taghha bazati fuq "a fair and reasonable analysis" ta' dawk ic-cirkostanzi, basta li bil-konkluzjoni ma tigix attribwita lill-persuna involuta certu agir li jmur lil hinn mill-fatti dikjarati. Il-politiku jesponi ruhu ghall-fatt li kull ma jaghmel, anke fil-hajja professjonali jew privata tieghu, jigi meqjus u analizzat mill-*media*. Din tal-ahhar ghandha d-dritt u d-dover tgharbel l-attivita` tal-politiku u, filwaqt li thalli lic-cittadin il-possibbilita` li jiggudika hu dik l-attivita`, tanalizza l-istess, hi stess f'kuntest politiku.

F'dan il-kaz, il-konvenuti ma qalux li l-attur ha l-kuntratt minhabba l-konnessjoni tieghu mal-Partit allura fil-gvern, pero`, ir-rapportagg fl-asiem tieghu jidher li ried iwassal dik il-possibbilita`. Din, pero`, ma hi xejn hlief analizi politika tac-cirkostanzi tal-fatt, u hi possibbilita` li wiehed jista' jikkontempla mehud in konsiderazzjoni l-fatti kif sehhew. Din il-Qorti mhux qed tghid li hekk sar; fi kliem iehor, mhux qed taqbel mal-insinwazzjoni li ried jaghmel l-istazzjoni televiziv in kwistjoni, pero`, tghid li hi konkluzjoni li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghaliha. Mhix fi kliem iehor, konkluzjoni azzardata u mhux marbuta mal-fatti li sehhew.

Hu normali li kull partit politiku li jkun fil-gvern sejjer jigi attakkat b'favoritizmu fl-ghoti ta' kuntratti u impieg, u hu naturali li, meta jikkonkorru certi cirkostanzi, meta jinghata kuntratt lil xi hadd li jkun midhla tal-partit li jkun fil-gvern, l-oppozizzjoni tattakaha b'favoritizmu. Kemm dan l-attakk ikun f'waqtu jiddependi mic-cirkostanzi ta' fatt antecendenti jew posterjuri ghal ghoti tal-kuntratt. Sta mbaghad ghall-partit fil-gvern iwarrab dan is-suspett ta' favoritizmu. F'dan il-kaz, il-fatti jistghu jaghtu lok ghal dan is-suspett, u l-*media* ghandha obbligu, meta c-cirkostanzi hekk jimmeritaw, li timmanifesta dan is-suspett fil-pubbliku; dan hu parti mill-iskritinju li kull min hu involut fil-

politika jrid jaccetta bhala mehtieg f'demokrazzija. L-agir ta' kull gvern irid ikun trasparenti u "beyond suspicion", u l-*media* ghandha dritt tesponi s-suspetti taghha dwar certa agir. Sta ghall-gvern li jirribatti u jressaq argumenti li juru l-kuntrarju. Li tesponi s-suspett ghall-konsiderazzjoni tal-pubbliku, ma jistax, pero`, jitqies malafamanti, meta, jigi ripetut, dak is-suspett tkun konkluzjoni ragjonevoli mehuda minn fatti veri, kif gara f'dan il-kaz.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Galea v. Bedingfield**, minnha deciza fit-8 ta' Jannar, 2010. F'dik il-kawza gie accettat li jista' jkun hemm malafama *per innuendo*. Intqal hekk a propozitu:
"*Hu principju, kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza* ***Attard v. Mifsud noe****, deciza fis-27 ta' Marzu 2009 li f'materja ta' ingurja permezz tal-istampa, l-ingurja tista' tirrizulta anke permezz ta' innuendo, "jigifieri dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha, u dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata*"."

F'dik il-kawza kienet instabet l-ingurja peress li minn semplici riferenza ghall-politikant biex tigi identifikata persuna ohra (hu l-politikant), il-gurnalist implika b'mod car lill-istess politikant mat-traffikar tad-droga. Mill-kliem "Joe Galea fratello di Louis", il-gurnalist, f'dik il-kawza, implika lill-polititkant Dr. Louis Galea f'materja ta' korruzzjoni u traffikar ta' droga li fih skont l-awtur tal-kliem kien involut Joe Galea. Ir-rabta li ghamel il-gurnalist f'dak il-kaz kienet mhux flokha u bl-ebda mod relatata mal-"fatti" allegati mill-awtur.

F'dan il-kaz, il-fatti aktar qabel elenkati, mhux biss gew ippruvati, pero`, il-konkluzjoni li insinwa l-istazzjoni televiziv in kwistjoni, hi wahda li tista' tingibed logikament u ragjonevolment, u kif gie osservat minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza **Sant v. Bugeja**, deciza fis-27 ta' Marzu, 2007, kummenti fuq agir li jkun sehh fi sfera politika ghandu jkun tollerabbli.

L-insinwazzjoni ma kinitx wahda malizzjuza, izda wahda li setghet issir fil-kuntest ta’ process demokratiku li fih jghixu c-cittadini ta’ dan il-pajjiz, ghandha titqies bhala “a fair comment” li tillibera lill-konvenut minn kull responsabbilita`. L-onesta` u l-integrita` tal-attur ma gietx attakata bl-insinwazzjoni li saret, izda biss il-korrettezza politika tal-gvern tal-gurnata li tqieghdet taht suspett, u fid-dawl tal-fatti kif elenkati u l-margini wiesgha ta’ tolleranza li tezisti fil-kamp ta’ politika, ma jistax jinghad li l-konvenuti esageraw fir-raportagg li sar.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u tghaddi b’hekk biex tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, waqt li dawk ta’ din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------